PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

10.2.2010

B7-0105/2010 }
B7-0106/2010 }
B7-0107/2010 }
B7-0108/2010 }
B7-0109/2010 }
B7-0110/2010 } RC1

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura

li tieħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi:
ALDE (B7-0105/2010)
S&D (B7-0106/2010)
PPE (B7-0107/2010)
GUE/NGL (B7-0108/2010)
ECR (B7-0109/2010)
Verts/ALE (B7-0110/2010)

dwar il-Burma

**Filip Kaczmarek, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Cristian Dan Preda, Mario Mauro, Bernd Posselt, Eija-Riitta Korhola, Laima Liucija Andrikienė, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Martin Kastler, Tunne Kelam, Monica Luisa Macovei, Tadeusz Zwiefka**
f'isem il-Grupp PPE
**Véronique De Keyser, Marc Tarabella**
f'isem il-Grupp S&D
**Leonidas Donskis, Louis Michel, Frédérique Ries, Niccolò Rinaldi, Marielle De Sarnez, Graham Watson**

f’isem il-Grupp ALDE
**Christian Engström, Emilie Turunen, Raül Romeva i Rueda, Gerald Häfner**
f’isem il-Grupp Verts/ALE
**Charles Tannock, Geoffrey Van Orden, Michał Tomasz Kamiński, Ryszard Antoni Legutko, Adam Bielan, Tomasz Piotr Poręba, Ryszard Czarnecki**
f’isem il-Grupp ECR
**Marie-Christine Vergiat, Helmut Scholz**
f’isem il-Grupp GUE/NGL
**Juozas Imbrasas, Rolandas Paksas**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Burma**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Burma/Mjanmar tad-27 ta' April 2009 u l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Burma,

– wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew – Dikjarazzjoni dwar il-Burma/Mjanmar tad-19 ta' Ġunju 2009,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-Presidenza f'isem l-Unjoni Ewropea tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar iċ-ċivili Karen li qegħdin jaħarbu mill-Burma/Mjanmar,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Presidenza tal-UE tat-23 ta' Frar 2009 li sejħet għal djalogu globali inklussiv bejn l-awtoritajiet u l-forzi demokratiċi fil-Burma/Mjanmar,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti Nru 64/238 tat-23 ta' Diċembru 2009 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Mjanmar,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-Presidenza f'isem l-Unjoni Ewropea tal-14 ta' Mejju 2009 dwar l-arrest ta' Daw Aung San Suu Kyi,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-President tal-ASEAN tal-11 ta' Awwissu 2009 dwar il-Mjanmar,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Burma/Mjanmar,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Burma/Mjanmar kompliet tmur għall-agħar, ir-ripressjoni politika żdiedet aktar u l-libertajiet fundamentali tal-poplu tal-Burma qegħdin jinkisru b'mod sistematiku,

B. billi l-militar baqa' jwettaq vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż qtil extra-ġudizzjarju, xogħol furzat u vjolenza sesswali, kontra l-popolazzjonijiet ċivili f'żoni ta' kunflitti etniċi,

C. billi r-reġim tal-Burma qed ikompli r-reklutaġġ furzat mifrux u sistematiku ta' tfal suldati,

D. billi skont ir-rapporti, fil-Burma hemm madwar 2 177 priġunier politiku, inkluż 14-il ġurnalista, u billi aktar minn 230 reliġjuż Buddista li ħadu sehem fil-protesti tal-2007 għadhom fil-ħabs,

E. billi fil-ħarifa tal-2010 il-Burma/Mjanmar hu mistenni jżomm l-ewwel elezzjonijiet parlamentari tiegħu fl-aħħar għoxrin sena,

F. billi l-elezzjonijiet se jkunu bbażati fuq kostituzzjoni mfassla mill-armata, li jeżistu dubji serji dwar il-leġittimità tagħha; billi din il-kostituzzjoni l-ġdida tipprevedi l-elezzjonijiet fl-2010 biex tiġġustifika ħamsin sena ta' reġim militari u tagħti 25% tas-siġġijiet parlamentari lill-militar,

G. billi l-Kostituzzjoni l-ġdida tipprojbixxi lil Aung San Suu Kyi, Mexxejja tal-Lega Nazzjonali għad-Demokrazija (NLD) u Rebbieħa tal-Premju Nobel għall-Paċi, minn kariga pubblika; billi xi partiti tal-oppożizzjoni u gruppi etniċi ta' minoranza ddikjaraw li se jibbojkottjaw l-elezzjonijiet, filwaqt li l-NLD mhijiex lesta taċċetta r-riżultat jekk qabel ma jkunx hemm djalogu għal reviżjoni kostituzzjonali,

H. billi fit-28 ta' Jannar 2010 Ngwe Soe Lin ingħata sentenza ta' 13-il sena ħabs talli ħadem għall-aġenzija tal-aħbarijiet barranija, id-Democratic Voice of Burma, filwaqt li fit-30 ta' Diċembru 2009 Hla Hla Win ingħata sentenza ta' 27 sena ħabs għal akkużi simili,

I. billi r-ripressjoni kontinwa fuq l-oppożizzjoni politika mhuwiex ħlief attentat mill-ġunta tal-Burma biex tistabbilixxi kontroll akbar fuq il-midja qabel l-elezzjonijiet nazzjonali ppjanati għal aktar tard din is-sena,

J. J. billi fil-11 ta' Awwissu 2009, Daw Aung San Suu Kyi ngħatat sentenza ta' 3 snin ħabs, li aktar tard inbidlet mill-awtoritajiet tal-Burma fi 18-il xahar ta' arrest domiċiljarju; billi l-avukati tagħha appellaw kontra s-sentenza quddiem il-Qorti Suprema tal-Burma; billi l-proċess u l-verdett mhux ġustifikat kontra Daw Aung San Suu Kyi ġie kkundannat bil-qawwi mill-komunità internazzjonali,

K. billi f'Mejju 2009, l-attakki mill-armata tal-Burma u mill-Armata Demokratika Buddista tal-Karen (DKBA) wasslu għaċ-ċaqliq ta' eluf ta' ċivili u sfurzaw lil madwar 5 000 refuġjat jaħrab lejn it-Tajlandja; billi hemm riskju serju li kif ir-refuġjati Karen imorru lura dawn jiġu sottomessi għal vjolazzjonijiet ħorox tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż xogħol furzat u stupru mis-suldati tal-Armata tal-Burma,

L. billi hu stmat li hemm madwar nofs miljun refuġjat intern fil-Burma tal-Lvant u 140 000 refuġjat jinsabu f'disa' kampijiet tul il-fruntiera bejn it-Tajlandja u l-Burma kif ukoll 'il fuq minn 200 000 Rohingya qed jgħixu f'kampijiet tar-refuġjati jew jinsabu mifruxa max-xlokk tal-Bangladexx; billi miljuni ta' migranti, refuġjati u dawk li qed ifittxu l-ażil mill-Burma qegħdin jgħixu fit-Tajlandja, l-Indja, il-Bangladexx u l-Malasja u xi kultant huma vittmi tat-traffikar,

M. billi mit-2 ta' Jannar 2010 bdiet ripressjoni mingħajr preċedent mill-aġenziji għall-infurzar tal-liġi tal-Bangladexx kontra r-refuġjati Rohingya mhux reġistrati li kienu ngabru barra żewġ kampijiet uffiċjali tar-refuġjati fid-Distrett Bazar tal-Cox; billi minn dak iż-żmien ġew arrestati aktar minn 500 Rohingya; u wħud minn dawk arrestati ntbagħtu lura lil hinn mill-fruntiera tal-Burma, filwaqt li oħrajn ġew akkużati skont il-leġislazzjoni tal-immigrazzjoni u ntbagħtu l-ħabs,

N. billi aktar minn 5 000 Rohingya li ssetiljaw minn jeddhom fil-Bangladexx digà ħarbu minn

djarhom u ngabru fil-kamp temporanju ta' Kutupalong f'Ukhia biex ifittxu s-sigurtà; billi issa l-popolazzjoni tal-kamp żdiedet għal madwar 30 000 persuna, li ma jirċevux għajnuna f'ikel u bħalissa huma mċaħħda minn aċċess għall-għajxien, għaliex jekk iħallu l-kamp biex ifittxu x-xogħol jirriskjaw li jiġu arrestati,

1. Jikkundanna bil-qawwi l-vjolazzjonijiet sistematiċi u li għadhom għaddejjin tad-drittijiet tal-bniedem, tal-libertajiet fundamentali u tad-drittijiet demokratiċi bażiċi tan-nies tal-Burma/Mjanmar;

2. Jesprimi tħassib serju dwar il-proċess, il-kundanna u l-għoti tas-sentenza reċenti ta' Daw Aung San Suu Kyi u jitlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjoni tagħha; jitlob li tingħata d-dritt li toħroġ għall-elezzjonijiet li jmiss;

3. Jieħu nota tad-deċiżjoni tal-Gvern tal-Burma/Mjanmar li jżomm l-elezzjonijiet u jinsisti li skont il-kundizzjonijiet attwali dawn ma jistgħux jitqiesu ħielsa u demokratiċi; jikkritika b'mod partikolari l-projbizzjoni ta' Aung San Suu Kyi milli toħroġ bħala kandidat;

4. Jitlob lill-Gvern tal-Burma/Mjanmar biex minnufih jibda djalogu ġenwin mal-NLD, ma' kull partit tal-oppożizzjoni ieħor u mal-gruppi etniċi; jilqa' f'dan il-kuntest l-isforzi ta' medjazzjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u tar-Rapporteur Speċjali tiegħu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-Burma/Mjanmar;

5. Iħeġġeġ bil-qawwi lill-Gvern tal-Burma/Mjanmar sabiex mingħajr dewmien jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura proċess elettorali ħieles, ġust, trasparenti u inklussiv, skont standards internazzjonali, inkluż it-tnedija tal-liġijiet elettorali meħtieġa u li jippermetti l-parteċipazzjoni tal-votanti kollha u tal-gruppi politiċi kollha fil-proċess elettorali u li jaċċetta l-preżenza ta' osservaturi internazzjonali;

6. Jikkundanna l-akkużi arbitrarji wara l-arresti tal-oppożituri politiċi jew dissidenti tar-reġim tal-Burma, b'mod partikolari r-ripressjoni u l-intimidazzjoni kontinwa tar-reliġjużi Buddisti; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Burma sabiex jieqfu milli jkomplu b'arresti ta' motivazzjoni politika, biex jeħilsu kull priġunier ta' kuxjenza, inklużi r-reliġjużi, bla dewmien u mingħajr kundizzjonijiet u bl-għoti mill-ġdid tad-drittijiet politiċi tagħhom;

7. Jikkundanna r-restrizzjonijiet tal-libertà tal-assemblea, ta' assoċjazzjoni, ta' moviment u ta' espressjoni fil-Burma/Mjanmar; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Burma/Mjanmar sabiex ineħħu dawn ir-restrizzjonijiet, inklużi dawk imposti fuq il-medja ħielsa u indipendenti;

8. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-diskriminazzjoni kontinwa, il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, il-vjolenza, it-tkomplija tat-tħaddim tat-tfal u x-xogħol furzat, iċ-ċaqliq u r-ripressjonijiet differenti li qegħdin ibatu bosta minoritajiet etniċi u reliġjużi u jitlob lill-Gvern tal-Burma/Mjanmar sabiex jieħu azzjoni immedjata biex itejjeb is-sitwazzjonijiet rispettivi tagħhom;

9. Jesprimi tħassib serju għat-tkomplija ta' prattiċi bħad-detenzjoni arbitrarja, għejbien furzat, stupru u forom oħra ta' vjolenza sesswali, tortura u trattament krudil, inuman u degradanti u jitlob bis-saħħa lill-Gvern tal-Burma/Mjanmar sabiex jiżgura investigazzjoni sħiħa,

trasparenti, effettiva, imparzjali u indipendenti tar-rapporti kollha ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u sabiex dawk responsabbli jitressqu quddiem il-ġustizzja sabiex tintemm l-impunità għal dawn id-delitti;

10. Jitlob bil-qawwa lill-ġunta militari tal-Burma sabiex twaqqaf minnufih ir-reklutaġġ kontinwu u l-użu tat-tfal suldati, sabiex tintensifika l-miżuri għall-garanzija tal-ħarsien tat-tfal mill-kunflitt armat u biex tkompli l-kollaborazzjoni tagħha mar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għat-Tfal u l-Kunflitt Armat;

11. Jikkundanna bil-qawwa l-kampanji ta' tindif etniku diretti mill-Gvern tal-Burma/Mjanmar kontra l-minoranzi, inkluż dawk li qegħdin ifittxu refuġju fil-pajjiżi ġirien;

12. Jitlob lill-gvern tar-Renju tat-Tajlandja biex ikompli jipprovdi kenn u protezzjoni lir-refuġjati Karen li qegħdin jaħarbu mill-abbużi fil-Burma/Mjanmar u sabiex ikompli jaħdem flimkien mal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR), il-Konsorzju tal-Fruntiera tat-Tajlandja u l-Burma (TBBC) u l-komunità internazzjonali sabiex tinstab soluzzjoni alternattiva li tiżgura s-sigurtà tat-3 000 refuġjat Karen;

13. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea, sabiex fid-dawl tal-kunflitt għaddej fuq il-fruntiera bejn it-Tajlandja u l-Burma, tkompli tappoġġja l-għajnuna għar-refuġjati mill-Uffiċċju Umanitarju tal-KE (ECHO) f'dik iż-żona fl-2010;

14. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Bangladexx sabiex minnufih itemm l-arresti, iċ-ċaqliq u r-ripatrijazzjoni furzati tal-populazzjoni mhux reġistrata Rohingya fid-Distretti ta' Cox's Bazat u Bandarban, sabiex jirrikonoxxi li r-Rohingya mhux reġistrati huma nies apolidi li qegħdin ifittxu l-ażil li ħarbu mill-persekuzzjoni fil-Burma/Mjanmar u għandhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u sabiex jagħtihom protezzjoni xierqa, aċċess għall-għajxien u servizzi bażiċi oħra;

15. Iħeġġeġ lill-Gvernijiet taċ-Ċina, l-Indja u r-Russja sabiex jużaw is-saħħa ekonomika u politika tagħhom mal-awtoritajiet tal-Burma/Mjanmar sabiex iwasslu għal titjib sostanzjali fil-pajjiż u biex iwaqqfu l-provvista ta' armamenti u ta' riżorsi strateġiċi oħra lir-reġim tal-Burma;

16. Jitlob lill-Kunsill sabiex ikompli b'miżuri restrittivi mmirati lejn ir-reġim tal-Burma sakemm ikun hemm progress tanġibbli ta' demokratizzazzjoni; fl-istess ħin iħeġġeġ lill-Kunsill sabiex jivvaluta l-effettività ta'dawn il-miżuri restrittivi;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lir-Rappreżentant Għoli u Viċi-President tal-Kummissjoni Catherine Ashton, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Mibgħut Speċjali tal-UE għall-Burma, lill-Kunsill ta' Paċi u ta' Żvilupp tal-Istat tal-Burma, lill-gvernijiet tal-ASEAN u lill-istati membri tal-ASEM, lill-gvernijiet tal-Bangladexx u tar-Russja, lis-Segretarjat tal-ASEM, lill-Caucus Interparlamentari tal-ASEAN dwar il-Mjanmar, lil Daw Aung San Suu Kyi, lin-NLD, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u lir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-Burma/Mjanmar.